REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1691

tad-9 ta' Ottubru 2019

li jemenda l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fih lista ta' sustanzi li huma eżentati mill-obbligu li jiġu rreġistrati skont l-Artikolu 2(7)(b) ta' dak ir-Regolament.

(2) Id-diġestat huwa materjal residwali semisolidu jew likwidu li jkun ġie sanitizzat u stabbilizzat bi proċess ta' trattament bijoloġiku li l-aħħar stadju tiegħu jkun stadju ta' diġestjoni anaerobika, u fejn l-inputs użati f'dak il-proċess ikunu materjali bijodegradabbli li joriġinaw biss minn materjali segregati minn sorsi mhux perikoluż, bħall-iskart tal-ikel, id-demel u l-uċuħ tar-raba' li jintużaw għall-enerġija. Il-bijogass li jirriżulta mill-istess proċess bhad-diġestat jew minn proċessi oħra tad-diġestjoni anaerobika, kif ukoll kompost li jirriżulta mid-dekompożizzjoni aerobika ta' materjali bijodegradabbli simili, diġà huwa elenkat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għalhekk, jenħtieġ li d-diġestat li, jew mhuwiex skart jew ma għadux skart, jiġi elenkat ukoll f'dak l-Anness, billi mhuwiex xieraq u mhux neċessarju li jkun rikjest li dik is-sustanza tiġi rreġistrata u billi l-eżenzjoni tagħha mit-Titoli II, V u VI tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ma tippreġudikax l-objettivi ta' dak ir-Regolament.

(3) S'issa ma ġewx sottomessi reġistrazzjonijiet għad-diġestat. L-elenkar tad-diġestat fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li jiċċara li d-diġestat huwa eżentat mir-reġistrazzjoni, għal raġunijiet simili għal dawk li jiġġustifikaw l-eżenzjoni eżistenti tal-kompost u tal-bijogass, sabiex b'hekk jitneħħew l-inċertezzi li jiltaqgħu magħhom il-produtturi u l-utenti tad-diġestat u mill-awtoritajiet tal-infurzar.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-punt 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"12. Kompost, bijogass u diġestat.".